# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex | t: 21 556377 / 21 550403 | m. arċipriet: 79204434 e: archpriestst george@gmail.com / info@sangorg.org
| w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/SanGorg | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00MHz FM Stereo] | t: 21 565 207 | live streaming: www.lbv104.com


IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

## Il-Qawmien tal-Mulej

Kieku Kristu ma qamx, fiergħa kienet tkun il-fidi tagħna. Il-ħajja tagħna tagħmel sens għax bħalma Kristu qam mill-mewt, hekk ukoll aħna ngħixu għal dejjem. Il-festa tal-Għid tagħti d-direzzjoni kollha lill-ħajja tagħna. Din il-ġrajja tat sens lill-martirju. Kien minħabba l-fidi fl-Irxoxt li San Ġorġ kien lest jagħti ħajtu għal Kristu. Għalhekk hu xieraq li proprju fi żmien l-Għid niċċelebraw b'mod solenni l-festa liturġika ta' San Ġorġ Martri, is-sħubija tiegħu fil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej.



### Il-Hadd tal-Hniena Divina

Mill-Ġimgħa l-Kbira tibda n-Novena tal-Hniena Divina li twassalna biex Hadd fuq l-Għid niċċelebraw il-festa tagħha. Il-Papa Franġisku qalilna: "Mhux Alla li jegħja jaħfer, imma aħna li negħjew nitolbuh maħfra"!

### IT-TBERIK

It-tberik se jsir kollu mill-Arċipriet. Araw il-programm li tqassam mal-bullettin, u min ma jirċevihx jieħu wieħed mill-Bażilika. Ninfurmawkom li d-donazzjonijiet li tagħtu lill-Arċipriet imorru għall-ħtiġijiet tal-Bażilika tagħna. Nirringrazzjawkom!



### Restawr tal-Irxoxt

F'dawn l-aħħar xhur sar ħafna xogħol biex tiġi rrestawrata n-niċċa tal-Irxoxt. L-istatwa tal-Irxoxt ukoll sarilha r-restawr li kien meħtieġ biex din l-opra ta' arti tiġi ppreservata bl-aħjar mod. Ir-restawr tal-istatwa sar mill-artist li ħadimha, Alfred Camilleri Cauchi. Dan kollu jista' jitgawda fil-Jum tal-Għid meta ssir il-purċissjoni b'din l-istatwa. Ix-xogħol kollu li sar ġie mħallas mill-benefatturi Mario Attard u Joe Attard. Nirringrazzjawhom mill-qalb. **Niftakru li l-Bażilika tagħna għandha bżonn ħafna benefatturi li jgħinu fir-restawr.**

## FESTA LITURĠIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI

19-24 ta' April 2017



### Mill-Erbgħa 19 sal-Ġimgħa 21 ta' April

6.00pm: Quddiesa Solenni tat-Tridu minn Mons. Ġużeppi Farrugia.
Wara, kant tal-Innu, Kurunella u Litanija, u Barka Ewkaristika.

### Il-Ħadd 23 ta' April: Lejlet is-Solennità

11.00am Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* li jitlaq mill-Pjazza lejn il-Każin.
4.30pm Kant tal-Għasar.
7.30pm Ħruġ tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ fil-bieb tal-Bażilika għall-Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ immexxija mill-Isqof Djoċesan fi Pjazza San Ġorġ.

### It-Tnejn 24 ta' April: Jum is-Solennità

(trasferita)

8.00am Tifħir ta' Sbiħ il-Jum mill-Kapitlu Ġorġjan.
6.30pm It-Tieni Għasar Solenni mmexxi mill-Arċipriet.
7.00pm Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata.

*N.B. L-Ikla ta' Jum San Ġorġ se ssir il-Ġimgħa 21 ta' April fit-8.00pm fil-Każin La Stella.*



### SITTIN SENA SAĊERDOTI

Nifirħu ma' ħutna l-Kan. Ġużeppi A. Borg u l-Kan. George Debricat li nhar is-6 ta' April għalqu sittin sena jqaddsu. Kemm ġid għamel il-Mulej permezz tagħhom! Nitolbu għalihom u għal aktar vokazzjonijiet.



INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES

| | |
|---|---|
| 16-04-2017 | Intenzjoni tal-Festa |
| 17-04-2017 | Tonina Tabone, Toni u Ġanna Grech |
| 18-04-2017 | Salvu u Antonietta Pace |
| 19-04-2017 | Carmelo Curmi |
| 20-04-2017 | Il-Familja Vassallo |
| 21-04-2017 | Carmelo u Ġużeppa Tabone |
| 22-04-2017 | Toni u Ġolina Grech, u l-Kan. Joe Mejlak |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM